MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 575/2010

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Abuzeid Abdulmajid, iben Abuzied, imwieled Barmo, in-Niger fl-1 ta’ Jannar, 1982, Karta ta’ l-Identita numru 45416A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-10 ta’ Jannar, 2011 għal ħabta tat-8.15 a.m. u ħinijiet qabel fil-Marsa Open Centre attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS1508 E. Lapira u PC872 C. Farrugia, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għal esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi minn awtorita kompetenti;

2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi għamel inġurji u theddid fuq il-persuna ta' PS1508 E, Lapira u PC872 C. Farrugia persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbezzagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kkontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra cioe' ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS1508 E. Lapira persuna nkarigata minn servizz pubbliku skont ma ċċertifika Dr. M. Cassar miċ-Ċentru tas-Saħħa, Flriana;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. talli fl-istess ċirkostanzi xewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa nġabru f'numru ta' għaxra jew aktar sabiex jikkomettu reat;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' PS1508 E. Lapira u PC872 C. Farrugia u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 68(1), 95, 96(a), 221 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------